MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Avviz Numru. 710/1999/1

**Wara l-ittra ufficjali prezentata fid-9 ta' Frar 1999 fl-ismijiet**

**Direttur tal-Muzewijiet u b'nota tat-2 ta' Dicembru 2003 Dr Mario Tabone bhala Chairman ta' 'Patrimonju Malta' assuma l-atti tal-kawza.**

**Vs**

**President Holidays Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-istess socjeta' 'President Holidays Limited' u li biha wara li ppremettiet illi hija giet notifikata bl-ittra ufficjali prezentata 9 ta' Frar 1999 fejn jidher illi d-Direttur tal-Muzewijiet qieghed jippretendi hlas tas-somma ta' seba' mija u tmien liri (Lm708.00) allegatament dovuti ghall-bejgh ta' biljetti ta' entratura fil-muzewijiet mill-gruppi ta' visitaturi ghal tours organizzati mir-rikorrenti u dan fl-1993;

Illi skond l-istess ittra ufficjali jidher li saret ukoll dikjarazzjoni guramentata a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u li ghalhekk il-kreditu pretiz mid-Direttur tal-Muzewijiet issa sar titolu ezekuttiv;

Illi skond l-istess artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta l-esponenti ghandhom il-fakolta li jintavolaw rikors biex jopponu t-talba in kwistjoni.

Illi in effetti l-esponenti jikkontestaw it-talba tad-Direttur tal-Muzewijiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan billi:

(1) hija preskritta a tenur tal-artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili;
(2) hija eccessiva stante li l-esponenti kienu gja hallsu bil-quddiem hamsin centezmu (50c) fuq kull biljett mibjugh; u
(3) ebda ammont mhux dovut stante li dawn il-biljetti kienu nsterqu minn terzi mhux maghrufa kif gie komunikat kemm il-darba lill-intimat.

Talbet filwaqt li jirriserva li jressaq il-provi opportuni, jitlob illi ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi t-talba tad-Direttur tal-Muzewijiet kif dedotta fl-ittra ufficjali tad-9 ta’ Frar 1999 hija nfondata u minghajr bazi legali.

Bl-ispejjez.

Rat l-imsemmija ittra ufficjali annessa a fol 5 ibid kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tad-Direttur tal-Muzewijiet a fol 6 ibid.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 7 et seq ibid) u li biha espona bir-rispett:

Illi preliminarjament l-Avukat Generali ma giex notifkat ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12.

Illi preliminarjament ukoll, rigward il-preskrizzjoni, il-hlas ghal biljetti ghal entratura fil-muzewijiet u siti storici huwa

hlas ghal servizz rez u cioe' hlas ghall-fatt li persuna tkun tista' tidhol, tara u tapprezza post ta' importanza storika kbira, u ghalhekk din il-persuna tkun qed tiehu xi haga in ritorn ghall-hlas li taghmel. Ghaldaqstant bl-ebda mod ma jista' jitqies li dan il-hlas jammonta ghal taxxa fis-sens tal-artikolu 2149(e) tal-Kap 16 u ghalhekk il-preskrizzjoni mhix dik ta' sentejn imma ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 12.

Illi dan il-perjodu ta' hames snin li beda jghodd minn meta l-ammont kien douvt u cioe' minn Settembru 1993, kien interrott permezz ta' ittra ufficjali datat 15 ta' Settembru 1995 u permezz ta' ittra ufficjali ohra datat 9 ta' Frar 1999.

Illi fil-mertu, din il-kwistjoni ddur fuq skema tad-Dipartiment tal-Muzewijiet, u li t-*tour operators* kienu jafu biha, li kienet tipprovdi li t-*tour operators* jixtru ammont ta' biljetti ghad-dhul fil-muzewijiet u siti storici ohra bil-prezz ta' 50 centezmu kull biljett, bil-kundizzjoni li meta t-turisti jigu biex jidhlu fil-muzew jew is-sit, il-gwida abbinat ma' dak it-*tour operator* jipprezenta dawn il-biljetti fil-bieb, f'liema kaz il-prezz ta' kull biljett ikun ta' 50 centezmu ( li kien diga mhallas) u fin-nuqqas tal-prezentata ta' dawn il-biljetti fil-bieb, il-hlas dovut mit-*tour operator* lid-Dipartiment ikun ta' tliet liri (Lm3) kull biljett.

Illi fil-kaz odjern, it-*tour operator*, tramite l-gwida abbinat mieghu, naqas li jipprezenta dawn il-biljetti fil-bieb tas-sit jew muzew, u ghalhekk il-prezz ta' tliet liri (Lm3) kull biljett kien dovut, u ghalhekk mhux minnu li l-hlas mitlub huwa eccessiv.

Illi l-fatt allegat mir-rikorrent li l-biljetti nsterqu hu rrevelanti ghall-fatt jekk l-ammont mitlub mill-esponenti hux dovut jew le, ghaliex il-kwistjoni hi jekk il-biljetti gew prezetati fil-bieb jew le, u fin-nuqqas, il-prezz ta' Lm3 kull biljett ikun dovut.

Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li jirriserva li jressaq il-provi opportuni, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispjjez kontra tieghu.

Rat id-digrieti Taghha preliminari moghtija fit-18 ta’ Marzu 1999 (fol 23 ibid) u fit-13 ta’ Mejju 1999 (fol 11 ibid) kif, ukoll, in-nota a fol 53 ibid u li biha Dottor Mario Tabone, bhala ‘chairman’ ta’ ‘Patrocinju Malta’ ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess assuma dawn l-atti minflok l-intimat orginali.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 62 ibid dwar in-noti rispettivi li, pero’, qatt ma gew presentati.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ewwel premessa kif sottomessa mis-socjeta’ rikorrenti, l-artiklu 2149(e) citat minnha jghid illi l-azzjonijiet tal-Gvern ghall-hlas ta’ drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra huma preskritti bit-trapass ta’ sentejn. Fil-kaz in desamina, trattasi ta’ pagament allegatament dovut mill-istess socjeta lill-intimat in konnessjoni ma bejgh ta’ biljetti ta’ entratura f’muzewijiet minn visitaturi ghall-‘tours’ organizzati minn ‘tour operator’ u stante li dan, bl-ebda mod, ma jista’ jigi kunsiderat bhala dritt gudizzjarju, dazju jew taxxa, l-artikolu citat, b’mod ovvju, ma hux applikabbli b’dan il-kaz (ara ukoll il-fatt illi l-preskrizzjoni effettivament applikabbli giet interotta permezz ta’ zewg ittri ufficjali presentati fil-15 ta’ Settembru 1995 u ohra, dik in esami presentata fil-9 ta’ Frar 1999).

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-meritu tal-kaz, irrizulta mill-provi, illi dan il-kaz jirreferi ghal skema ossija facilitia moghtija lil ‘tour operators’ fis-sens illi dawn setghu jakkwistaw biljetti, pre-pagati, bil-prezz ta’ hamsin centezmu (50c) minflok dak ta’ tlett liri Maltin (Lm3) bil-kundizzjoni li l-gwida involuta jippresenta l-istess biljetti, kif di gja nghad, gja mhallsin, fl-entratura tal-muzew jew sit storiku, hu liema hu, fin-nuqqas li jsir dan ma tigix rispettata din il-kundizzjoni, kellu jithallas il-prezz nominat ta’ tlett liri Maltin (Lm3).

Illi f'dan il-kaz, li gara matul Settembru 1993 (ara fol 31 ibid) Susan Firth Bernard (fol 24 et seq ibid), spjegat, prodotta mis-socjeta' rikorrenti, illi fl-ahhar ta' Jannar 1994, hi kienet hadet mill-ufficju tal-istess socjeta' 'envelopes' kontenenti 'cheques' u '.. .some museum tickets' dawn tal-ahhar indirizzati lill-intimat sabiex, kif kienet il-prattika jigu riportati lilu u jkunu, di gja mhallsin, bil-prezz ta' hamsin centezmu (50c). Ix-xhud kienet halliet dawn l-'envelopes' fil-karozza taghha minn fejn kienu nsterqu. Bhala numru hi kienet certa li kien hemm aktar minn mitejn (200) biljett. Dwar din is-serqa, oltre li ghamlet rapport lill-Pulizija, kien gie informat l-intimat (ara fol 30 sa fol 38 kif ukoll ix-xhieda ta' Rachel Borg Cardona a fol 27 et seq ibid) li spjegat, ukoll, illi l-gwida, fl-entratura, kienet tiffirma fuq registru, in-numru ta' visitaturi u sussegwentement l-intimat kien jibghat il-fattura u s-socjeta' rikorrenti kienet timposta n-numru ekwivalenti ta' biljetti gja mhallsin bir-rata spejcjali msemmija). Illi, a fol 41, tinsab kopja tar-rapport li sar lill-Pulizija flimkien ma lista tal-biljetti misruqin bin-numri rispettivi taghhom, liema lista gja ssemmiet bhala annessa a fol 31 ibid.

Ikkunsidrat

Illi Raymond Jones (fol 47 et seq ibid) prodott mill-intimat, wara li spjega l-istima gja msemmija izda b'aktar precizjoni fis-sena illi l-prezz tal-biljetti in kwistjoni kien ghola izda in rigward biljetti '… li kienu diga' nxtraw bir-rata l-antika' , dawn setghu jinhlew '…bir-rata ta' nofs lira sakemm dawn jispiccaw' ossija 'ezawriti'. Dwar dan, pero', it-'tour operator' kellu jippresenta mal-fattura l-istess biljetti, fizikament u fin-nuqqas ta' dan, il-prezz kellu jkun ta' Lm3 il-biljett. Dwar dan il-kaz, hu seta' jghid illi minhabba s-serqa msemmija ta' biljetti tan-nofs lira Maltija (50c), kienet saret xi talba lill-intimat izda din ghal xi raguni, kienet giet michuda. Inoltre hu kkonferma illi l-fatturi a fol 31 sa fol 38 tal-atti nhargu mill-intimat bir-rata ta' Lm3 il-biljett u minnhom ma kien thallas xejn.

Ikkunsidrat

Illi jigi notat illi meta sar r-rapport tas-serqa in kwistjoni (fol 41 ‘ a tergo’), jinsab imnizzel illi, refurtiva kienet tikkonsisti f’cheques u biljetti ‘… ta’ teatru’ avolja fil-lista annessa mal-istess rapport hemm imnizzel ‘museum tickets’.

Illi cjononostante, jidher li hu minnu li l-biljetti in kwistjoni, b’kollox 236, filfatt, insterqu u konsegwentement ma setghux jigu presentati sabiex jsir il-pagament a bazi tal-koncessjoni hawn fuq imsemmija u bir-rata ta’ hamsin centezmu. Fir-risposta tieghu, l-intimat jsostni li s-serqa ta’ dawn il-biljetti hi irrilevanti ghal dan il-kaz. Pero tenut kont illi jidher li, filfatt il-biljetti in kwistjoni kienu gew akkwistati mis-socjeta’ rikorrenti, li l-istess biljetti, effettivament insterqu u minhabba hekk ma setghux jigu presentati lill-intimat a bazi tal-imsemmija koncessjoni u li ma rrisultax illi sar xi uzu mill-istess biljetti, il-Qorti tara li, xorta wahda, is-socjeta’ intimata ghanda tusufruwixxi mill-istess koncessjoni. Jigi notat illi, kif xehed Raymond Jones, talba f’dan is-sens kienet saret mis-socjeta’ rikorrenti izda l-istess talba kienet giet rifjutata mill-intimat minghajr ma l-Qorti giet informata dwar x’kienet ir-raguni jew ragjunijiet ghal dan ir-rifjut.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, fuq il-bazi li s-socjeta’ rikorrenti kienet ‘in bona fede’ u vittma genwina ta’ serqa li, skond il-Qorti tikkostitwixxi haga barranija li taghha huwa ma kienx htiega (artikolu 1133 tal-Kodici Civili) kif ukoll ‘vis major’ (artikolu 1133 tal-istess Kodici) u dan applikabbli fil-kaz in desamina kif ukoll ezistenti skond il-provi prodotti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti waqt li l-ispejjes, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, jibqghu bla taxxa bejn l-istess partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------